# IR-RIGAL TA' NAPULJUN GĦALL-WIRI: IX-XABLA TAL-AMMIRALL DECRÈS ESPOSTA WAQT MUSEUMS BY CANDLELIGHT

**Stqarrija | 30 ta' April 2025**

Fil-qalba ta' Museums by Candlelight ta' din is-sena nsibu x-xabla tal-unur li ngħatat personalment minn Napuljun fl-1800 lil Denis Decrès, Ammirall famuż Franċiż. Ix-xabla ngħatat lil Decrès b'rikonoxximent għas-sehem tiegħu fl-Imblokk tal-Franċiżi, waqt li mexxa l-bastiment tal-gwerra *Guillaume Tell*. Għall-ewwel darba, ix-xabla li ġiet akkwistata riċentament minn Heritage Malta, se tiġi esebita fil-Mużew Marittimu ta' Malta.

Museums by Candlelight, imtellgħa minn Heritage Malta flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, tistieden lill-pubbliku jesperjenza l-Mużew Marittimu ta' Malta, il-Palazz tal-Inkwiżitur u l-Forti Sant'Anġlu waqt lejla speċjali. Nhar is-Sibt 10 ta' Mejju, dawn se jkunu qed jilqgħu lill-viżitaturi bid-dawl iteptep tax-xema' u mużika live, f'ħinijiet estiżi. It-tliet siti se jiftħu l-bibien tagħhom fis-19:00 u jibqgħu miftuħa sa nofsillejl.

Bħalissa l-ambjenti uniċi ta' dawn is-siti qed jilqgħu fihom tliet wirjiet interessanti. 'An Island at the Crossroads' fil-Mużew Marittimu ta' Malta, issa biż-żieda tax-xabla ta' Decrès, tiffoka fuq kif il-gżejjer tagħna dejjem kienu fil-qalba tal-kummerċ u l-politika tal-Mediterran. L-istaff kuratorjali se jkun qed jipprovdi tagħrif dwar l-artefatti ewlenin fil-wirja, u jwieġeb il-mistoqsijiet tal-pubbliku.  Esperjenza immersiva tittrasporta wkoll lill-viżitaturi direttament f'baċir tat-Tarzna ta' Malta. Titlifx l-opportunità li żżurha, għax il-mużew se jagħlaq fil-31 ta' Mejju għat-tieni fażi tal-proġett ta' restawr.

Il-Palazz tal-Inkwiżitur, min-naħa l-oħra, qed jospita b'mod permanenti lil 'Fare Convito – The Archaeology of Banqueting in Hospitaller Malta', li tħares lejn it-twaħħid tal-ikel, l-arti u l-politika fil-pranzu Barokk f'Malta. Fi 'Ħjut tal-Fidi – Ilbies Liturġiku tal-Ordni ta' San Ġwann', imtellgħa fl-istess Palazz, niskopru aktar dwar il-ħwejjeġ raffinati tal-kleru waqt il-ħakma ta' dan l-ordni reliġjuż f'Malta, u anke qabel.

Programm ta' divertiment varjat se jagħmel il-lejla aktar speċjali. Luke Briffa se jakkumpanja noti ħelwin mill-kitarra, il-vjolin u l-cajon fil-Mużew Marittimu ta' Malta bejn it-20:30 u l-23:30, il-Banda Folkloristika Ta' Verna se tferraħ lill-udjenza li żżur il-Palazz tal-Inkwiżitur mit-20:00 sal-22:00, u Bernie & Pod se jagħtu pjaċir fil-Forti Sant'Anġlu mit-20:30 sal-23:30.

Biljetti li jinkludu d-dħul għat-tliet siti, b'donazzjoni ta' €3, huma disponibbli online fuq: https://heritagemalta.mt/store/c445/, u se jkunu disponibbli wkoll mal-bieb dakinhar tal-avveniment. Dan l-avveniment huwa sponsorjat minn Carisma Collections.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Il-pubbliku huwa mħeġġeġ isegwi l-WhatsApp Channel ta' Heritage Malta biex jibqa' aġġornat dwar l-avvenimenti tal-aġenzija, u jirċievi avviżi importanti, inkluż aġġornamenti dwar il-possibbiltà ta' ċaqliq tad-data jew tal-ħin tagħhom minħabba ċirkostanzi mhux imbassra: whatsapp.com/channel/0029Vb4UJxw1yT29ko3Gkq2F